# Rwol kruċjali għall-konsumatur

**Minn Louis Grech, MPE (Lab)**

F'April 2009 tkellimt fil-Parlament Ewropew dwar l-impatt ta' bidliet fil-prezz ta' l-enerġija kemm fuq l-industrija u l-bqija ta' l-ekonomija kif ukoll fuq il-konsumatur normali. Din hija xi ħaġa li tolqot lill-konsumaturi kollha jkunu fejn ikunu. Allura l-interess tiegħi f'din il-materja huwa li l-iżvilupp ta' politika li tindirizza l-problema ta' l-ispiża ta' l-enerġija tkun waħda li tkun tapplika għall-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha, Malta inkluża.

Iżjed minn hekk, però, jiena nara li l-enerġija hija waħda biss minn dawk is-servizzi li l-prezzijiet tagħhom jista' jkollhom impatt sostanzjali fuq il-konsumaturi. L-Istat direttament jew kumpaniji privati jipprovdu servizzi u oġġetti ta' kull tip li huma neċessitajiet għall-konsumatur. Jiġuni f'rasi flimkien ma' l-elettriku, servizzi bħall-ilma, il-gass, id-drenaġġ, is-separazzjoni u trattament ta' l-iskart.

Iżda mhux biss. Hemm medda kbira ta' servizzi pprovduti l-aktar mill-privat u li wkoll hemm bżonn li jkunu regulati b'mod serju. Ngħidu aħna, is-servizzi finanzjarji, l-ajruporti, l-assikurazzjoni. Ħadd m'hu qiegħed igħid li l-Istat għandu jindaħal bl-addoċċ u ma jħallix is-suq ħieles jaħdem biex isib il-bilanċ bejn id-domanda u l-provvista f'dawn is-setturi. Madankollu, il-lum anki l-gruppi politiċi liberali u demo-kristjani jaċċettaw, partikularment wara l-kriżi finanzjarja li laqtitna dan l-aħħar, li l-Istat ma jistax jabdika mir-responsabbiltà tiegħu li jissorvelja u, fejn hemm bżonn, jindaħal f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn jidher ċar li s-suq ħieles waħdu mhux qed jagħti riżultati ġusti għas-soċjetà.

Naturalment, meta jkun hemm difetti fil-mod kif is-servizzi li semmejt jitwasslu għand il-konsumatur, l-ewwel li jbatu jkunu dawk li huma l-aktar vulnerabbli, għaliex huma ġeneralment m'għandhomx min jitkellem għalihom. L-Industrija u t-Turimu għandhom l-organizzazzjonijiet uffiċjali tagħhom li jafu kif jagħmlu rappreżentazzjonijiet lill-gvern tal-ġurnata, il-ħaddiema organizzati għandhom l-unjins li wkoll jistgħu jagħmlu xi pressjoni, anki jekk mhux dejjem jirnexxilhom jinstemgħu. Iżda min jitkellem f'isem dawk l-eluf ta' ċittadini li m'humiex organizzati, f'isem is-Sur Abela (pensjonant minn Sannat), f'isem is-Sinjorina Axisa (omm mhux miżżewwġa minn San Ġwann), f'isem is-Sur Mallia (ġuvni li jbati minn Downe's syndrome)?

Huwa għalhekk li jiena nemmen li hemm bżonn urġenti li l-UE toħloq strutturi u mekkaniżmi biex tevita kemm jista' jkun imġieba abbużiva u prattiċi irregulari għad-dannu tal-konsumatur u, irrid ngħid ukoll, ta' intrapriżi żgħar u medji. Forsi jkun hawn min igħid li għandna r-regulaturi. Ma rridx ngħid li ma jgħinux, għalkemm f'pajjiżna l-biċċa l-kbira minnhom m'għandhomx l-

istoffa, ir-riżorsi, l-indipendenza mill-Eżekuttiv u n-knowhow li huma elementi essenzjali biex huma jaqdu dmirijiethom kif suppost. F'Malta diġà kellna ħafna każi fejn ir-regulatur kien sempliċi 'rubber-stamp' ta' dak li jkun iddeċieda l-gvern jew l-aġenziji tiegħu.

Dan wassalni biex nipproponi lill-Parlament Ewropew li, flimkien mat-tisħiħ tar-regulaturi, ikun hemm aġġornament tal-leġislazzjoni u direttivi Ewropej biex il-konsumatur ikollu sehem uffiċjali u sinjifikattiv fit-tfassil tal-leġislazzjoni u fit-tmexxija ta' l-istituzzjonijiet li jissorveljaw lil dawk li jipprovdu servizzi. Hemm bżonn ta' ħafna aktar trasparenza u razzjonalità fil-mod kif ikunu iffissati l-prezzijiet ta' dawn is-servizzi, ta' aktar informazzjoni fil-waqt u ċara li tasal għand il-konsumatur, ta' wisq inqas burokrazija meta l-konsumatur ikollu ilment ġenwin, u fl-aħħar nett ta' proċess ta' rimedju li jkun aktar mgħaġġel u inqas ta' piż finanzjarju fuq il-povru konsumatur li jrid jeħodha kontra l-qawwa ta' l-Istat jew ta' xi kumpanija b'saħħitha.

Irrid nagħmilha ċara li dawn is-suġġerimenti u proposti qed nagħmilhom mhux għaliex f'ħafna pajjiżi hemm gvernijiet liberali jew demo-kristjani. Għandhom jorbtu lill-gvernijiet, ikun hemm min ikun hemm fis-setgħa. Huwa dnub, però, li s'issa ftit qiegħed insib koperazzjoni mill-kollegi parlamentari tiegħi fi ħdan il-grupp tal-Partiti Populari. Fl-elezzjoni tas-6 ta' Ġunju, l-elettorat għandu jibgħatilhom messaġġ ċar u qawwi li jrid jara bidla fl-attitudni u li l-leġislatura ġdida tal-Parlament Ewropew tieħu passi konkreti dwar din il-problema.